# Poeta surrealist b'poeżija erudita

**Carmel Scicluna, Il-Kalċi Qiegħed Ifur: Poeżiji (Horizons, Malta, 2017)**

Charles Briffa

Bi ktieb bħal dan, l-analist ma jieqaf qatt. Imma reċensjoni tittlob il-qosor.

Illum il-poeżija żżomm il-privileġġ tradizzjonali tagħha fis-soċjetà tagħna għax hija għamla vitali tal-identità u l-espressjoni. Meta nifli poeta surrealist bħal Carmel Scicluna nsibni li mal-ewwel inkun irrid nagħmel id-distinzjoni bejn ir-realiżmu ta' moħħu u r-realtà ta' barra; u r-realiżmu tiegħu spiss jintrabat ma' xejriet kulturali li jitolbu s-sabar għar-riċerka. Għaldaqstant nistma l-poeżija ta' Scicluna bħala estensjoni tal-moderniżmu fil-kontemporanjetà. U karatteristika ewlenija tal-poeżija kontemporanja Maltija hija x-xejra erudita tagħha li tħaddan (fost oħrajn) kultura għolja, termini skulari, u repetizzjoni ta' xbihat distintivi – kollha b'implikazzjonijiet siewja.




## Proċessi mentali

Scicluna jidħol fil-kontemporanjetà poetika bil-kultura għolja u bl-esperjenza ta' instabilità fundamentali tad-dinja ta' barra l-poeżija (i.e. r-realtà); u jidħol ukoll bl-istadji diversi li jipprova jagħmel biex jegħleb din l-instabilità l-aktar meta l-poeżiji tiegħu juru għarfien sintetiku stabbli li jinħoloq ħalli jsolvi ftit mit-tensjonijiet bejn ir-realtà esterna, l-esperjenza interna, u l-mezz li jgħaqqadhom flimkien (i.e. l-lingwa).

L-analist ta' din ix-xorta ta' poeżija, li tipprova tippreżenta għarfien kontemporanju, wara li jħaddem il-*little grey cells* jilmaħ ħsieb li għandu ħakma fuqu nnifsu għax ir-realtà esterna mhix importanti daqs dak kollu li jiġri ġewwa l-moħħ tal-poeta (i.e. fir-realiżmu ta' moħħ il-poeta). Hekk il-poeżija ssir id-dinja tagħha nnifisha. Imma xorta nifhmu li fil-ġewwieni tal-poeta kien hemm xi taqbida jew relazzjoni mar-realtà ta' barra. Għaldaqstant il-kontemporanjetà ta' Scicluna hija għamla sofistikata ta' realiżmu li tvarja mir-realtà 'l barra mill-poeżija. Għall-analist, ir-realiżmu huwa l-prattika li tara l-affarijiet skont kif jifhimhom il-moħħ poetiku u tiddilja magħhom skont dik il-perċezzjoni li allura tikseb eżistenza poetika. Ir-realiżmu jitlaqqa' mar-realtà (jew ma' dak li huwa veru u li qiegħed taħt l-apparenza jew fi stat reali). Imma r-realtà trid tibqa' tingħaraf għax inkella jintilef ħafna mis-sens u xi poeżiji jistgħu ma jagħmlux sens.

Jiġifieri, il-poeżiji mhumiex awtonomi għalkollox. Biss biss, bosta minnhom jintrabtu mal-kultura. Bil-kultura, hawnhekk, qed nifhem ix-xogħlijiet u l-prattiċi ta' attività intellettwali u artistika li l-poeta jissieħeb magħhom fil-kreattività tiegħu.

Ħa nieħdu eżempju ħalli naraw ftit mill-proċessi mentali ta' Scicluna u forsi nifhmu kemxejn aktar kif il-poeżija

**Il-kontemporanjetà ta' Scicluna hija għamla sofistikata ta' realiżmu li tvarja mir-realtà 'l barra mill-poeżija**

tiegħu tiddilja mar-reifikazzjoni estetika.

F'*Tieġ li Sar bi Żball* għandna narrattiva surrealista li tagħtina tfajla "għarwiena, mhux nuda" li tixref "minn taħt it-tapit Persjan". L-aġġettivi "għarwiena" u "nuda" t-tnejn ifissru denotattivament li ġisimha ma kienx imlibbes, ma kellu ebda għata. Imma konnotattivament jissuġġerixxu (ma' dak it-tifsir fundamentali) ħsibijiet differenti għax "għarwiena" ġġibilna quddiem moħħna li t-tfajla hija bla lbies, skomda, u f'kondizzjoni *helpless*; filwaqt li "nuda" tressqilna l-idea ta' arti edukata qawwija. Issa billi t-tfajla mhijiex "nuda" l-poeżija tistabbilixxi li din it-tfajla mhijiex qiegħda f'post jew f'kondizzjoni fejn tħossha komda, u allura n-narrattiva mhijiex se tagħfas fuq ġmielha u timplika li għax it-tfajla hija "għarwiena" jista' jkun li (f'dan il-kuntest) hemm element ta' fixla jew mistħija. U din it-tfajla, "għarusa ċkejkna tiegħi", għandha relazzjoni mat-"tapit" (eż. tagħmlu qisu "fallu", twaqqfu "dritt dritt", u tgħannqu "bid-dmugħ f'għajnejk"), anzi kultant donnha titwaħħad miegħu. Imma fid-dinja kuntestwali nsibu dettall siewi: "ħriġt minn taħt it-tapit Persjan / li kien ilu jgħattik is-snin". Fis-simboliżmu tat-tapit hemm klima ta' twemmin u ħsus ġejja mat-tgerbiba tas-snin; jiġifieri, it-tapit huwa element importanti fir-realiżmu tribali tal-poeżija; fih hemm il-ġnien tal-moħħ ("ġnejna antika") u hekk it-tapit jagħsar simbolikament ix-xenqa għall-hena. Imma filwaqt tal-hena ("waqt il-qsim tal-kejk") jixref qawwi s-swat imġarrab ("id-demm ma' koxxtok bajda/bil-bziezen taċ-ċinturin") u l-omm teħdilha t-tapit u jitfaċċa l-missier goff u vjolenti u jerġa' jixħetha "fuq it-tapit irrumblat".

## Proċessi ġenerattivi

Hu u jagħti l-esperjenza tal-ħsieb innifsu, Scicluna jaħdem bil-partijiet kollha tal-poeżija. Jieħu kull parti tal-kompożizzjoni bħala aspett ġenerattiv tat-tifsir li huwa rispons ta' dak li jpaspar moħħu; u kull aspett ġenerattiv (maħluq mill-kliem meqjus) isir preżenza f'moħħ il-qarrejja. Il-poeżija tiegħu hija estetikament u kulturalment sinifikanti.

Fil-poeżiji ta' Scicluna sikwit ikun hemm preżenza kontinwa ta' identità li tistabbilixxi u tiddefendi lilha nnifisha. Il-punt tattluq fil-poeżiji tiegħu huwa dejjem il-jien individwali (poetiku) li jissara għall-qagħda tiegħu f'ambjent li jista' jċaħħdu mill-permanenza tal-jien tiegħu. Fl-istess ħin ifittex l-etika tal-jien u tal-int.

F'dan il-proċess tispikka l-figura tal-missier li spiss tissieħeb ma' termini u xbihat kemxejn negattivi: eż. "Jitkaxkar, jitkaxkar, /is-silwett makabru ta' missierek" (*Il-fjura u s-sikkina*); "Missier li falla f'ħajtek" (*Bukkett għal Jasmina*); "grif, tbenġil, u daqqiet ta' skieken/li tak missierek" (*Ewridiċe*); id-"dell iswed twil/ta' missierek" (*Dgħajsa tal-karti*); it-"trabokk ta' missierek" (*Bħall-għasafar tat-trabokk*); "missierek jinduna bina, /u jisħetna minn qalbu" (*Sirena Sirjana*); u l-vjolenza tal-missier fuq l-omm u t-tifla (*Tieġ li sar bi żball*).

F'din l-atmosfera poetika donnu hemm xi kriżi max-xbieha tal-missier u l-poeta jġib il-kreattività artistika tiegħu f'assoċjazzjoni mal-istmerrija lejn xi awtorità paterna mqita u żorra – awtorità li tista' tkun gvern jew l-istat (forsi għalhekk it-tapit "ilu jgħattik is-snin"). Il-poeżiji jidħlu f'taqbida ma' din l-awtorità bit-"tkaken suwed" u "tqal" ta' "żraben goffi" biex il-protagonisti jfittxu ħelsienhom (*Tiftakar?*). (B'din l-interpretazzjoni *Tieġ li sar bi żball* tinħass sieħba tal-poeżija politika ta' Victor Fenech *Invit-Żball*, li ħarġet fi żmien l-oppressjoni soċjalista tal-1980ijiet.)

Fl-esperjenza tas-surrealiżmu poetiku – fil-każ ta' dan il-poeta s-surrealiżmu ma jintrabatx mal-kitba awtomatika – Scicluna jagħtina mhux biss x'joħlom jew x'jaħseb imma *kif* joħlom dak li joħlom jew *kif* jaħseb dak li jaħseb. Jinteressah il-mod ta' kif l-affarijiet iseħħu. Nieħdu, b'eżempju, *Bird watching*. Hawnhekk il-kif jinsab fit-tlaqqigħ tad-deskrizzjoni tat-tajr mat-titrif belti; u f'din il-ġustapożizzjoni nsibu t-tressiq tan-natura (sema, xita, ibħra, siġra) mal-virtujiet (tama, sliem, fidwa) li jwasslu fl-aħħar nett għad-dehra fantastika tal-uġigħ ("belt id-duluri"). L-istat kostrutt ("belt id-duluri") irid imur lura ċiklikament lejn l-isem tal-poeżi-

għal paġna 29



# Poeta li jagħti ġieħ lill-Malti modern

minn paġna 28

ja biex fis-soġġettività tagħhom il-qarrejja jagħżlu kif jinterpretaw dak l-isem. Il-*bird watching* inebbaħna għat-tbatija tal-għasafar jew jixħet l-umanità f'relazzjoni man-natura? U fuq min qed jitkellem: fuq it-tajr jew fuq il-bnedmin, għax "duluri" tassoċja ruħha man-nies mhux mal-annimali? It-teknika surrealista tipproduċi materjal ħaj li jista' jiżviluppa aktar. Il-ġustapożizzjoni, megħjuna mill-mekkaniżmi fonoloġiċi (ir-ritmu, l-alliterazzjoni, il paralleliżmu, ir-rima), twasslilna l-moviment tal-poeżija li tinħass qed tipprova tesprimi esperjenza – xi ħaġa mġarrba. Hekk jidhirli hija kull poeżija ta' Scicluna: taħrika ta' ħaġa mġarrba.

Is-surrealist jesprmi l-ħidma tal-inkonxju b'tixbihat fantastiċi u bl-użu tal-ġustapożizzjoni inkongruwa tal-kontenut. Il-ġustapożizzjonijiet iqegħdu dehriet imbegħda flimkien – l-interkonnessjonijiet bejniethom ikunu jinsabu f'moħħ il-ħallieq u l-qarrejja jippruvaw joqorbu kemm jistgħu ħalli jifhmu ftit minnhom.

## Proċessi attivi

Kull poeżija titlob ħsieb uniku. Tifsir partikulari. Hija waħdanija. Teħtieġ għarfien kemm jista' jkun sħiħ tal-kultura li tintrabat magħha. Dan it-tip ta' poeżija taf tirċievi kemm ftaħir u kemm tmaqdir; min isejħilha astratta u forsi jkun hemm min jaraha inaċċessibbli, min iħossha intima jew personali, min jaraha allużiva, u min iqisha politika. F'din il-ġabra nagħrfu poeżija li nistgħu niddeskrivuha bħala surreali fil-kuntest u ħarkiena fi twettiq is-smigħ. B'dawn il-karatteristiċi l-poeżija ta' Scicluna tiltaqa' mal-qarrejja b'poetika li hija attiva. U meta hija ġahrija tagħtina ċ-ċans essenzjali li ngħarrxu u nfittxu ġo fiha biex ikollna xi direzzjoni għal spjegazzjoni narrattiva xierqa.

F'Scicluna naraw il-logħob bil-ħsieb kif x'aktarx jidher fil-ħolm f'poeżiji bħal *Ix-xita f'ħajti* u *Bħal beżqa ta' miġnun*; imma jaf jagħtina r-raġuni u l-loġika wkoll bħalma nsibu f'*Ommijiet singli* u *Sfaret wisq*. F'tal-ewwel tinħass il-ħrara tal-ħsieb inkonxju u f'tat-tieni l-istħajjil ħieles; u t-tnejn li huma jippruvaw juruna veritajiet moħbija. Ngħidu aħna, *Krużlajner* taqbeż mill-oġġettività (tad-deskrizzjoni) għas-soġġettività (tal-osservatur). L-użu tal-kliem ġej mill-Ingliż jitħaddem sew għar-ritmu tiegħu li jseddaq il-versi. Din hija poeżija li tagħtina l-mod ta' perċezzjoni li tħaffef l-esperjenza. It-tifsir bħala moviment huwa kondizzjoni tal-lingwa li trid twassal l-esperjenza bħala aspett eżistenzjalist.

F'din il-ġabra għandna poeżija erudita minn poeta kontemporanju ieħor li jissieħeb ma' kultura għolja (ġejja mill-oqsma tal-films, pittura, mużika, filosofija, letteratura, mitoloġija, folklor – wieħed jista' jagħmel kronaka ta' kultura f'din il-ġabra) li timpenjana intellettwalment u li tagħti aspett djaloġiku lix-xogħol. Il-poeżija ta' kultura għolja tagħmel korrelazzjoni ta' elementi skulari ma' ħwejjeġ li jixirfu fil-ħajja umana, u t-tlaqqigħ jurihom bħala xejriet ġodda. U fil-korrelazzjoni jinħass preżent perpetwu. Bir-referenzi intertestwali Scicluna joħloq allużjoni djaloġika fuq bażi kulturali. Jissellef ħafna mis-sorsi kulturali tiegħu sabiex joħloq il-klima tal-ideat li għandu bżonn – klima li tissawwar bil-kulura li jassoċja ruħu magħha. Irridu nkunu nafuha din il-kultura, inkella nitilfu ħafna mill-poeżija. Ngħidu aħna, irridu nkunu nafu xi ħaġa fuq is-simboliżmu tas-surrealiżmu bħala esperjenza ta' soġġettiviżmu f'*Meshes of the Afternoon* u xi ħaġa fuq it-twemmin antropoloġiku bħala żvilupp tal-ħsieb uman f'*The Golden Bough* sabiex nifhmu aħjar *Il-fjura u s-sikkina* u *Rex Nemorensis*. Nagħmlu

**Scicluna jagħtina mhux biss x'joħlom jew x'jaħseb imma *kif* joħlom dak li joħlom jew *kif* jaħseb dak li jaħseb**

rikuntestwalizzazzjoni tar-realtà umana fi ħdan din il-kultura għolja. L-approwċ analitiku tagħna jrid jiċċalinġja l-ideat għax l-elementi kulturali jġibu l-fatti tal-kuntestwalizzazzjoni fil-fowkus tagħna. Din il-poeżija għandha rowl attiv u tikkonferma d-dinamika tal-kultura, u fl-istess ħin tbiddel l-għarfien tan-nies f'dak li jkun qed jiġri fid-dinja ta' madwarhom.



Carmel Scicluna (ritratt) jidħol fil-kontemporanjetà poetika bil-kultura għolja u bl-esperjenza ta' instabilità fundamentali tad-dinja ta' barra l-poeżija

## Proċessi kritiċi

Imnalla fil-ktieb hemm il-kummenti tal-kritiċi biex jibbriġġjaw l-imħuħ. Meta l-poeżija tkun tqila wisq tispiċċa ssir ġeneru mmarġinalizzat. Bħala għamla organizzata bi sħiħ tal-lingwa, il-poeżija tista' tingħalaq wisq fiha nfisha bla ma tintrabat direttament ma' xejriet soċjali jew psikoloġiċi. Imma xorta: minkejja l-kummenti tal-kritiċi l-poeżiji ta' Scicluna jeħtieġu s-sabar tar-riċerka (anki jekk tkun minn fuq l-internet) biex il-qarrejja avriġ jaslu jifhmu ftit mit-tifsir erudit tiegħu. Dan il-poeta jistenna li l-qarrejja tiegħu jagħmlu din ix-xorta ta' riċerka sabiex jinħoloq djalogu bejn il-kultura għolja u t-temi tal-poeżiji. Irridu nifhmu li hija kultura li tqawwi l-ideat tal-poeta; jew, fi kliem ieħor, hija kultura li taħdem bħala l-*mouthpiece* ta' Scicluna – donnu f'din il-ġabra l-personali jinqeda bil-ventrilokwiżmu kulturali.

*Il-Kalċi Qiegħed Ifur* għandu x'jaqsam mal-esperjenzi interni tal-poeta bħala individwu. Bit-tlaqqigħ mal-kultura għolja x'aktarx li ma jirrekordjax ġrajjiet li rawhom nies oħra. Imma jirripproduċi l-mod li bih is-subkonxju tiegħu bħala individwu żviluppa, interpreta, jew elabora fuq avveniment sempliċi biex idawru f'esperjenza poetika. Il-mistħajjel jieħu sura ta' esperjenza reali.

X'hemm implikat fix-xbieha tal-kalċi li qed ifur? Essenzjalment hemm l-aspett ta' reċipjent li għandu wisq. Fit-tradizzjoni simbolika tal-ġrajja tal-bniedem, mill-kalċi spiss kienet tifflowja l-grazzja u ġieli tqabbel mas-sider mimli bil-ħalib matern. U fit-tradizzjoni Nisranija l-kalċi jilqa' d-demm ta' Kristu. Id-demm huwa l-prinċipju tal-ħajja u l-ħalib huwa sapporter tal-ħajja. Għaldaqstant, it-titlu tal-ġabra jimplika li l-poeżija hija l-kontejner li jirċievi u jsostni l-ħajja. It-tifwir, imbagħad, jindika li l-bniedem għandu wisq xejriet mnejn jagħżel biex isawwar ħajtu.

Fil-kaver, it-tpinġija ta' "ifur" taf tfakkarna fit-terminu "ċarċir" (li semantikament jintrabat ma' tnixxija u ħruġ ta' likwidu minn xi xquq) aktar milli fit-terminu "tifwir" (li semantikament jintrabat ma' tgħargħir u tixrid minn mili żejjed). Imma forsi l-ġabra twaħħad l-ideat ta' ċarċir u tifwir simbolikament flimkien għall-esperjenzi mentali. Imma żgur li hija ġabra li fiha l-poeżija sservi ta' kamera soġġettiva li tesplora għaqal sottili li ma timmaġinahx b'mod komuni. Tikxef il-moħħ uman f'termini ta' dehriet. Tirrappreżenta l-*patterns* tal-ħsieb tal-poeta. Din il-poeżija erudita tlibbes il-ġrajja letterarja Maltija bid-dimensjoni ta' esperjenza soġġettiva mħawra bil-kultura għolja; u tippermetti li l-qarrejja jaraw bniedem kif huwa stess jara lilu nnifsu: bit-tnixxija tal-ħsibijiet li jfuru fl-umanità.

Il-poeżija surrealista kultant tpinġi dinja kuntestwali li fiha tkun ħaġa diffiċli li taqbad-taħtaf ir-realtà. X'potenzjal għandha l-poeżija għall-kultura komuni kontemporanja? Ir-relazzjoni bejn it-test u l-kuntest soċjali tista' titqies li qed tirripproduċi u/jew tikkritika l-valuri u l-proċessi taż-żmien. It-tifsira ta' test poetiku sikwit jinvolvi l-uniċità tal-lingwa jew tax-xbieha li ma jippermettux xi għamla oħra li tirriplejsjahom; u għalhekk il-poeżija tevoka l-preżenza ta' dak li jeżisti f'dik il-forma biss (u ma tippermettix l-istess eżistenza f'xi forma oħra). Il-*foregrounding* ta' din l-uniċità tal-lingwa jemfasizza l-effetti jew it-tifsir tal-poeżija – effetti jew tifsir li ma jeżistux mod ieħor, imma l-partikularità tagħhom tistabbilixxi l-istatus poetiku tagħhom.

Il-varjabilità inerpretattiva hija aspett tal-ħidma tal-lingwa stess. Il-lingwa ta' Scicluna hija marbuta sew fis-sit ta' wara l-istering. U għalhekk ninsisti fuq is-sehem produttiv tal-qari.

Għall-poeżija erudita tiegħu spiss iħaddem il-mekkaniżmi Semitiċi (eż. "għasajfra", "allija", "ifidded", "għawwejja" "mogħżija"); u fil-qafas ta' din il-lingwa nsibu wkoll kliem tekniku u kliem Romanz mhux komuni (eż. "kruċisenjati", "odaliska", "fratriċidi", "klessidra", "girlandi kamelji"). Dan il-vokabularju kultant iwasslu għal riżultat li jisslowja ftit ir-ritmu biex jagħti ċans għat-tħassib. Miegħu rridu nżidu l-użu tal-kliem ġej mill-Ingliż (eż. "l-infern jikklejmjani", "websajt ta' ħolmitna", "jdewbu l-ajsbergs", "Mit-trejn għall-kowċ u mill-kowċ għall-krużlajner") li jinħass aktar aċċessibbli minn dan ta' hawn fuq. Huwa poeta li jagħti ġieħ lill-Malti modern għax iħaddem ir-riżorsi kollha tal-lingwa kontemporanja. Il-poeżiji tiegħu huma twassil ta' taqbida ħarxa għal espressjoni xierqa.

## Konklużjoni

Il-poeżija għandha ħila tbiddlilna l-mod kif inħarsu lejn u nisimgħu d-dinja. Il-qari repetut jaf jikxfilna erja tal-esperjenza tagħna li għal xi raġuni (li tista' tkun personali jew soċjali) ma nkunux bqajna konxji tagħha. U jista' jkun hemm xi poeżija li nifhem li jkollha xi għerf moħbi, u naqraha u nerġa' naqraha bosta drabi u ma nċedix sa ma niskopri xi ħaġa fiha. Dan ifisser li l-poeżija hija importanti għax iġġagħalna naħsbu. Tiftħilna moħħna biex nistgħaġbu u niskantaw bil-possibilitajiet tal-lingwa. Fil-mod sottili imma qawwi tagħha hija dixxiplina li ġġagħalna nipparteċipaw f'aspetti tal-ħajja jew tad-dinja li nkunu ħadniehom wisq *for granted*.

M'hemmx dubju li t-tifsira ta' poeżija tiddependi fuq il-kuntest sħiħ: mingħajr il-kuntest lingwistiku u kulturali l-poeżija tista' ma tagħmilx sens. Jekk l-analiżi tagħfas aktar fuq il-kultura, jista' jagħti l-każ li l-orjentazzjoni tibqa' lejn il-kultura u mhux lejn ix-xogħol; lejn il-ġenerali u mhux lejn il-partikulari – donnu t-tifsir kulturali għandu dejjem jisboq ix-xejriet tematiċi. Imma l-analiżi kritika trid turi li x-xejra kulturali qiegħda hemm biex tgħin ix-xejra lingwistika li flimkien isawru l-kuntest poetiku. U dan jgħodd ħafna għall-poeżija ta' Carmel Scicluna.